MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 985/2000/1

**Hugh Zammit ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drttijiet tal-assikurat taghha Neil Cassar**

**vs**

**Jean Pierre Zammit**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici nomine ippremettiet:-

Illi fil-10 ta' Lulju 1998 gewwa Dingli Street tas-Sliema waqt li Jean Pierre Zammit kien qed isuq il-vettura numru IAA 407 huwa habat mall-vettura numru TFD 164 misjuqa mill-assikurat tal-attur Neil Cassar liema vettura kienet assikurat taht polza 'comprehensive' ma' l-attur nomine;

Illi dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut Jean Pierre Zammit minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta attrici nomine in vista tal-polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive' ghamlet tajjeb ghad-danni ikkagunati mill-konvenut fil-karozza numru TFD 164 assikurata maghha u hallset ukoll ghal xi spejjes ohra;

Illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici nomine bhala konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf, sitt mija u dsatax il-lira matlin u seba u ghoxrin centezmi (Lm1619.27) u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex jhallas baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici nomine talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

m'ghandux jigi dikjarat, minn dina l-Qorti, unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici nomine;

m'ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf sitt mija u dsatax il-lira maltin u seba u ghoxrin centezmu (Lm1619.27) jew kull somma ohra verjuri li tigi likidata minn dina il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

konsegwentement ma'ghandux il-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta attrici nomine in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez komprisi dawk ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Marzu 1999 u tal-konsulta (Lm15) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatti u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara tort unikament ta' Neil Cassar li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni TFG-164 u dana bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u kwindi l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet ix-xhieda prodott mis-socjeta attrici nomine;

Semghet lill-konvenut u x-xhieda minnu prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni oraki tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fl-10 ta' Lulju 1998 sehhet kollizjoni awtomobilistika gewwa Dingli Street tas-Sliema. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-konvenut Jean Pierre Zammit li kien qed isuq il-vettura numru IAA 407 u l-

assikurat tas-socjeta attrici nomine cioe' Neil Cassar li kien qed isuq il-vettura numru TFD 164. Jirrizulta ukoll li l-vettura misjuqa mill-imsemmi Neil Cassar kienet koperta b'polza 'comprehensive' mas-socjeta attrici nomine. L-assikurat tas-socjeta attrici kien ghaddej gewwa l-istess Dingli Street sejjer fid-direzzjoni tat-Torri. Il-konvenut hareg minn triq laterali ghal gewwa l-istess Dingli Street. Minn fejn hareg il-konvenut kien hemm stop sign;

Is-socjeta attrici nomine tippretendi li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut. Is-socjeta attrici nomine tippremetti li in vista tal-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni hija ghamlet tajjeb ghad-danni kollha kkagunati mill-konvenut fil-karozza misjuqa mill-assikurat taghha u hallset ukoll ghal xi spejjes ohra. L-istess socjeta attrici tippremetti ukoll li dawn id-danni kollha jammontaw ghal elf, sitt mija u dsatax il-lira matlin u seba u ghoxrin centezmi (Lm1619.27). Ghalhekk is-socjeta attrici nomine qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici nomine. Qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni fis-somma ta' elf sitt mija u dsatax il-lira maltin u seba u ghoxrin centezmu (Lm1619.27) jew somma ohra verjuri u li konsegwentement il-konvenut jigi kundannat ihallas dik is-somma hekk likwidata;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-incident in kwistjoni gara tort unikament ta' Neil Cassar l-assikurat tas-socjeta attrici;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li kien gej min triq sekondarja u dahal go Triq Sir Adrian Dingli, Sliema. Hekk kif kien tiela fl-imsemmija triq giet mid-direzzjoni opposta l-vettura misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici b'velocita' qawwija u ssorpassa vettura li kienet 'double-parked' u b'hekk dahal fil-karreggiata tal-konvenut u saret il-habta. Bid-daqqa il-vettura ta' l-

konvenut intefghet lura u giet angolata kif muri fl-iskizz tal-Pulizija;

Iz-zewg sewwieqa involuti f'din il-kollizzjoni inevitabilment jghatu zewg versjonijiet kontrastanti ta' kif sehhet l-istess kollizzjoni. L-assikurat tas-socjeta attrici, wara li kkonferma li huwa thallas ghad-danni kollha sofferti minnu fil-vettura li kien qed isuq mis-socjeta assikuratrici tieghu cioe' s-socjeta attrici, qal l-incident sehh kmieni wara nofs in-nhar. Huwa jghid li kien niezel f'Dingli Street sejjer fid-direzzjoni tat-Torri. Fuq iz-zewg nahat tat-triq kien hemm il-karozzi parkeggati. Huwa jghid li kien ghaddej b'velocita' normali;

L-assikurat tas-socjeta attrici jkompli jghid li f'hin minnhom il-karozza misjuqa mill-konvenut harget f'daqqa wahda minn triq laterali fuq il-lemin tal-assikurat tas-socjeta attrici u ghamlet dawra wiesa u giet fuq in-naha l-hazina ta-triq, cioe giet fil-karreggiata minn fejn kien nizel l-assikurat tas-socjeta attrici. L-istess assikurat tas-socjeta attrici qal ukoll li huwa ttanta jghafas il-brake pero' xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Huwa kkonferma li l-vetturi spiccaw kif indikat fl-iskizz a fol.8. Qal ukoll li l-vettura li kien qed isuq tidher ftit angolata fl-istess skizz peress li l-vettura misjuqa mill-konvenut kaxkret il-vettura misjuqa milll-assikurat tas-socjeta attrici;

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li huwa kien hiereg minn Triq Poutiatine ghal fuq Dingli Street, bl-intenzjoni li jibqa sejjer fid-direzzjoni tat-"tlett sigriet". Minn fejn kien hiereg il-konvenut hemm "stop sign". Il-konvenut jghid li waqaf fuq l-imsemmi sinjal hares fuq il-lemin tieghi, sussegwentement hares fuq ix-xellug tieghi. Il-konvenut jghid li ma rax traffiku gej miz-zewg direzzjonijiet u ghalhekk hareg f'Dingli Street. Huwa kien gia ddritta u kien gia mexa t-tul ta' zewg karozzi u nofs, meta ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta li kienet qed taqbez

van li kien “double parked” u din il-kaozza laqtitu. Bid-daqqa l-vettura li kien qed isuq daret. Ghar-rigward tal-iskizz il-konvenut jghid li fuq ix-xellug tieghu, fejn hemm indikat li kien hemm karozza pparkjata, quddiemha kien hemm karozza ohra pparkjata. Huwa qal li meta nizel seta jisma li r-radio fil-karozza l-ohra involuta fl-incident kien “full on”. Il-hsarat fil-karozza tieghu kienu fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin. Il-hsarat fuq il-karozza l-ohra kienu wkoll fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin. Huwa qal li meta waqaf kellu l-vizjoni tieghu limitata ghar-rigward tat-traffiku li kien gej fuq in-naha tax-xellug tieghu pero’ meta hareg fit-triq, seta’ jara sat-Tlett Sigriet. Lis-sewwieq l-iehor, rah ghall-ewwel darba hiereg minn wara l-van li kien ipparkjat. Dejjem ghar-rigward l-iskizz huwa ma jaqbilx fejn hemm indikat l-ispot of impact;

Mill-kumpless ta provi prodotti, b’mod partikolari l-iskizz, jirrizulta li l-verzjoni tal-assikurat tas-socjeta attrici hi aktar verosimili u aktar attendibbli. Jidher li l-konvenut baq hiereg mit-triq sekondarja ghal gewwa dik principali minnghajr ma spezzjona sewwa t-triq biex jara jekk kienx gej traffiku. In effett il-konvenut stess jammetti li l-vizwali tieghu meta hares fuq ix-xellug tieghu kienet limitata;

L-iskizz jindika li l-assikurat tas-socjeta attrici kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u kien il-konvenut li invada l-karreggiata minn fejn kien niezel l-istyess assikurat tas-socjeta attrici. Ma jirrizulta xejn li jista jghati wiehed x’jifhem li l-assikurat tas-socjeta attrici kien qed jissorpassa xi vettura ohra;

Jirrizulta ghalhekk sufficjentement pruvat li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal din il-kollizzjoni. Jirrizulta li l-konvenut ma waqafx fuq l-istop sign u mar fuq in-naha l-hazina tat-triq u b’hekk sehhet il-kollizzjoni. Ma jirrizultax li l-assikurat tas-socjeta attrici b’xi mod ikkontibwixxa sabiex sehhet din il-habta;

Jirrizulta ukoll sufficjentement pruvat li d-danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici jammontaw ghas-somma

ta elf sitt mija u dsatax il-lira maltin u seba u ghoxrin centezmu (Lm1619.27). Is-socjeta attrici bhala s-socjeta assikuratrici hallset din is-somma u ghalhekk hija giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddecidi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiidikjara li lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni indikat fic-citazzjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici nomine, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf sitt mija u dsatax il-lira maltin u seba u ghoxrin centezmu (Lm1619.27) u konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' Lm1619.27 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------